REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 641/2008

ta' l-4 ta' Lulju 2008

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 rigward il-lista ta' bastimenti li jwettqu sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fit-Tramuntana ta' l-Atlantiku

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid [1], u b'mod partikolari l-punt 4 ta' l-Anness XIII tiegħu,

Billi:

(1) Il-Komunità Ewropea ilha mill-1981 Parti fil-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura fis-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku [2].

(2) F'Mejju 2008, il-Kummissjoni għas-Sajd fit-Tramuntana ta' l-Atlantiku (NEAFC) għamlet rakkomandazzjoni biex temenda l-lista ta' bastimenti li ġew ikkonfermati li wettqu sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni fl-ordni ġuridiku tal-Komunità għandha tkun żgurata

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 40/2008 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Appendiċi 4 ta' l-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 40/2008 jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni
Joe BORG
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 541/2008 (ĠU L 157, 17.6.2008, p. 23).
[2] ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21.

ANNESS

Fl-Anness XIII għar-Regolament (KE) Nru 40/2008, l-Appendiċi jinbidel b'dan li ġej:

"L-Appendiċi għall-Anness XIII

Lista ta' bastimenti bin-numri IMO li ġejjin li l-NEAFC u n-NAFO kkonfermaw li wettqu sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

In-numru IMO [1] għall-identifikazzjoni tal-bastiment	Isem il-bastiment [2]	L-Istat tal-Bandiera [2]
7436533	ALFA	Il-Ġeorġja
7612321	AVIOR	Il-Ġeorġja
8522030	CARMEN	Ex Ġeorġja
7700104	CEFEY	Ir-Russja
8028424	CLIFF	Il-Kambodja
8422852	DOLPHIN	Ir-Russja
7321374	ENXEMBRE	Il-Panama
8522119	EVA	Ex Ġeorġja
6719419	GORILERO	Is-Sjerra Leone
7332218	IANNIS I	Il-Panama
8422838	ISABELLA	Ex Ġeorġja
8522042	JUANITA	Ex Ġeorġja
6614700	KABOU	Guinea Conakry
7385174	MURTOSA	Togo
8421937	NICOLAY CHUDOTVORETS	Ir-Russja
8914221	POLESTAR	Il-Panama
8522169	ROSITA	Ex Ġeorġja
7347407	SUNNY JANE	
8606836	ULLA	Ex Ġeorġja

[1] L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali
[2] Kwalunkwe tibdil fl-ismijiet u l-bnadar, flimkien ma' informazzjoni addizzjonali, huwa disponibbli fis-sit web ta' l-NEAFC: www.neafc.org'"